KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 17 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 17 ta' Jannar 2013 fis-7.30 p.m. u li hija kontinwazjoni tal-Laqgħa Nru. 16 li saret fis 27 ta' Diċembru, 2012.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.58 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.45p.m. | 9.55p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 9.55p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | assenti | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | skużat | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.10p.m. | 9.55p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 7.30p.m. | 9.00p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.55p.m. | 9.55p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.45p.m. | 9.55p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.56p.m. | 9.55p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Din il-laqgħa hija kontinwazzjoni tal-agenda tal-Laqgħa Nru:16

**1.0 Korrispondenza (kontinwazjoni).**

Ġiet ippreżentata l-lista tal-korrispondenza (kopja annessa) bil-korrispondenza nru:8 u nru:10 sa 25 li kienu għadhom ma ġewx trattati fil-Laqgħa nru:16. Id-deċizjonijiet jidhru wkoll fil-lista annessa.

1.01 Dwar korrispondenza nru:8,10,19,23,u 25 li lkoll jitrattaw talba għal-kumpens ta' ħsarat f'vetturi minħabba ħofor fit-toroq, ġie deċiż li issir laqgħa mas-Supretendent tal-pulizija tal-Mosta sabiex jiġi diskuss x'tip ta' rapport isir mis-sewwieqa ta' dawn il-vetturi u kif dawn ir-rapporti jistgħu jiġu ivverifikati. Id-deċiżjoni dwar dawn it-talbiet għandhom jiġu deċiżi wara din il-laqgħa mas-Supretendent.

1.02 Dwar korrispondenza nru: 13 – talba għal-sponsor ta' welcome signs. Ġie deċiż li issir skema dwar dawn it-tabelli u l-manutenzjoni tagħhom.

1.03 Dwar korrispondenza nru:13 – talba għal- twessieh ta' bankina fi Triq il-Kbira min Dolcezza għal-tqegħid ta' siġġijiet u mwejjed, ġie deċiż li l-Kunsill japprova pjanta (nru:3) iżda li l-applikant għandu jġib il-permessi mill-awtoritajiet konċernati.

1.04 Dwar risposta (korrispondenza nru; 18) mingħand is-Sur Ronald Falzon tal-Government Property Division fejn qal li ma kien jeżisti l-ebda ftehim bil-miktub dwar l-użu jew devoluzjoni tal-Ground tal-Ghajba (5-a-side), il-Kunsillier Keith Cassar qal li huwa kien jaf li kien jeżisti ftehim u kien ser jipprova jġib kopja tiegħu. Intqal li l-Kunsill għandu jistenna li jara dan il-ftehim qabel jiġi iffirmat il-ftehim il-ġdid bejn il-Kunsill u l-Mosta Football Club.

1.05 Dwar korrispondenza nru:24 – talba għal kumpens fuq alterazjonijiet fi Triq il-Fortizza mis-Sinjuri Cassar, Grech, Ebejer ta' RS2, il kunsill ma aċċettax li jilqa din it-talba.

**2.0 Council Accountant Contract**

Is-Sindku tablet lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv jgħid x'inhi l-pożizjoni dwar l-accountant Michael Debono li kellu l-kuntratt ta' xogħol ta' accountancy tal-Kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Silvio Frendo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn dan wissa lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv li kienet x'kienet il-pożizzjoni tal-accountant, kien huwa (S.E.) li kien responsabli miż-żamma tal-kotba tal-finanzi tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li huwa ma kienx jaċċetta dan għaliex sa min meta huwa kien ġie appuntat Aġent Segretarju Eżekuttiv għal-Kunsill Lokali tal-Mosta huwa kien għamilha ċara kemm mal-Kunsill u anke mad-Dipartiment li ma kienx lest jassumi responsabilita tax-xogħol tal-accountant għaliex kien jidher bil-fatti li l-kotba ma kienux qed jinżammu b'mod professjonali kif kien mistenni min accountant professjonali. Kien hemm żbalji kbar ovvji bħal financial indicators li kienu juru pożizjoni pożittiva ta' 65% meta fil-verita irrizulta li din il figura kienet ta pożizjoni negattiva ta' 35%. Żbalji gravi oħra kienu n-nuqqas ta ' proviżjoni għal- committments li l-Kunsill għandu. Ir-rapport tal-awdituri tal-Gvern kien ipoġġi stampa ċara ta' dawn in-nuqqasijiet serji tant li intqal li l-awdituri ma setgħux jesprimu opinjoni dwar il-Kunsill tal-Mosta. Is-Segretarju qal ukoll li sal ġurnata tal-lum kien għadu ma wasalx ir-rapport *'Mid-Term Audit as at 31st May, 2012'* li huwa kien talab li jsir mill-awdituri tal-Gvern skont kif titlob il-liġi u għalhekk ma kienx jaf x'kienet il-pożizjoni finanzjarja vera meta huwa ġie appuntat Aġent Segretarju Ezekuttiv ghal-Kunsill tal-Mosta. Huwa qal ukoll li lanqas budget ma kien sar għas-sena 2012/13 minħabba dan in-nuqqas.

Il-Kunsilliera kollha qablu unanimament li l-Kunsill ma kienx kuntent bil-performance tal-accountant u taw struzjonijiet li tinħareg default notice lil accountant Michael Debono.

**3.0 Results of Interviews - Community Inclusive Employment Scheme**

Is-Sindku infurmat li kienu saru l-interviews mal-persuni indikati mill-ETC għal-impjieg mal-Kunsill Lokali tal-Mosta taħt l-iskema tal-Community Inclusive Employment Scheme. Sar qbil unanimu jiġu magħzula is-Sinjuri George Borg u Christopher Galea. Barra min dan is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien ġie infurmat li s-Sur Joseph Chircop taħt l-iskema tal-Community Working Scheme. Dan se jkun qed jaħdem mal-Kunsill.

**4.0 Tat-Tarġa Battery – Contract with Lands Department**

Meta l-Kunsill ġie biex jibda jiddiskuti din l-Agenda Item, il-Kunsillier Mario Sammut talab li din l-Item titħalla għal Laqgħa oħra meta jkunu preżenti l-Kunsilliera l-oħra tal-PL. Is-Sindku qalet li

dan ma kienx aċċettabli għaliex l-agenda tal-laqgħa kienet ġiet avżata u barra min dan din l-laqgħa kienet kontinwazjoni tal-laqgħa li saret f'Diċembru u ma kienx possibli li deċiżjoni importanti tibqa tiġi posposta kif kien qed jitlob is-Sur Sammut. Hija qalet li din kienet nuqqas ta' lejalta lejn il-Kunsill.

Is-Sur Sammut insista li din l-item ta' l-agenda għandha tiġi aġġornata għal-laqgħa li jmiss u la darba s-Sindku ta kienetx ser taċċetta din it-talba tiegħu huwa ma kellux alternattiva oħra għajr li jirtira mill-Laqgħa.

Is-Sur Sammut irtira mill-Laqgħa u għalhekk ma kienx hemm aktar kworum u l-Laqgħa kellha tigi sospiża fid-9.55p.m.

5.0 Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 24 ta' Jannar 2013.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv